MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 18/2008

**Henri Darmanin**

**v.**

**Martin Bugelli u il-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors ta' Henri Darmanin, minnu prezentat quddiem l-Ufficjal Revizur fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu talab li l-indirizz ta' Martin Bugelli ma jibqax jidher bhala 174 Eastbourne, Triq Lija, Zabbar izda jsir, ossia jinqaleb ghal, numru 18 Triq Biagio Galea, Tarxien;

Rat in-nota ta’ Martin Bugelli, prezentata fir-registru tal-qorti mill-Avukata Dott. Louise Anne Pulis fis-16 ta’ Jannar 2008, li permezz taghha ammetta t-talba u ikkonferma li huwa kien “jirrisjedi fl-indirizz moghti mir-rikorrent qabel l-ahhar jum ta’ Settembru 2007”;

Rat id-digriet ta’ l-Ufficjal Revizur tal-24 ta’ Jannar 2008, li jghid hekk:

**“Meta ssejjah ir-rikors deher rapprezentant ta' l-Ufficcju Elettorali li informa lill-Ufficjal Revizur illi fil-post in kwistjoni il-Pulizija sabet toqghod il-familja Smart u li din ilha toqghod hemm sentejn.**

**“Ir-rikors gie michud.”**;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Henri Darmanin, minnu pprezentat fid-29 ta’ Jannar 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija decizjoni;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali tal-4 ta’ Frar 2008;

Semghet, fl-udjenza tal-bierah, lid-difensuri tal-partijiet, u cioe` lill-Avv. Dott. Joseph Zammit Maempel ghall-appellant, lill-Avv. Dott. Ian Refalo ghall-Kummissjoni Elettorali u lill-Avv. Dott. Victor Scerri ghal Martin Bugelli; semghet ukoll bil-gurament lil Sandra Smart;

Ikkunsidrat:

Minn dak li ssottomettew id-difensuri, jidher li hu pacifiku bejn il-partijiet li Martin Bugelli ghandu dritt ghall-vot, izda huwa jahdem b’mod permanenti fir-rapprezentanza Maltija fi Brussels u ghall-mument ma ghandu ebda indirizz partikolari f’Malta fejn jista’ jghid li jirrisjedi. Ghalhekk huwa ghamel arrangamenti mal-familja Smart biex l-indirizz tieghu, ghall-finijiet tar-Registru Elettorali u ghalhekk ukoll ghall-finijiet ta’ fejn ghandha tithalla l-karta tal-votazzjoni, ikun l-istess indirizz tal-konjugi Smart. Jidher, pero`, li meta l-Pulizija marru fl-indirizz tal-konjugi

Smart (cioe` 18 Triq Biagio Galea, Tarxien), hemm sabu lit-tifel ta' l-imsemmija konjugi li qalilhom li hemm ma kien jghix ebda Martin Bugelli – u f'certu sens dan huwa minnu. Kif spjegat Sandra Smart bil-gurament taghha quddiem din il-Qorti, hi u zewgha ma qaghdux jinfurmaw lil binhom bl-arrangament li kienu lahqu ma' Bugelli limitatament ghall-finijiet tar-registrazzjoni tal-vot fl-indirizz taghhom.

Fic-cirkostanzi, u b'mod partikolari fid-dawl tad-deposizzjoni ta' Sandra Smart – li ma ddeponietx quddiem l-Ufficjal Revizur, izda li din il-Qorti esigiet li tisma' biex tassigura ruhha li verament kien hemm l-arrangament vantat mid-difensuri ta' Darmanin u ta' Bugelli – din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala t-talba tar-rikorrent appellant m'ghandiex tintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' Henri Darmanin, thassar u tirrevoka d-decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur ta' l-24 ta' Jannar 2008, u minflok tilqa' t-talba tar-rikorrent appellant u tordna li Martin Bugelli jigi registrat fir-registru elettorali bhala li jirrisjedi fl-indirizz 18, Triq Biagio Galea, Tarxien.

Spejjez, jekk hemm, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------